

# San Lawrenz pjan 2030

## Nibnu fuq l-esperjenza

*Biex insawru l-futur*

Żjara u laqgħa tal-Onor. Segretarju Parlamentari Alison Civelli Zerafa, mal-Kunsill Lokali San Lawrenz—18 ta' Awwissu 2022

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Ċentru Servizzi | 2 |
| Drawings Ċentru Servizzi | 3 |
| Spazji Miftuħa | 4 |
| Drawings Spazji Miftuħa | 5 |
| Aċċessibilità | 6 |
| Parkeġġ | 7 |
| Drawings Parkeġġ | 8 |
| Identità...Ambjent | 9 |
| Identità... Rispett | 10 |
| Appendiċi 1—Bye Law | 11 |

# Nibnu fuq l-esperjenza *Biex insawru l-futur*

Din il-laqgħa li fiha sejrin niddiskutu ħidmet il-Kunsill Lokali San Lawrenz ma hijiex sempliċiment laqgħa biex biha nħarsu lejn il-passat, imma rriduha li tkun laqgħa li tixprunana biex insawru l-futur u nħarsu lejn San Lawrenz li rridu naraw sas-sena 2030.

Illum il-ġurnata kulħadd jifhem l-importanza ta' dan il-faxx ieħor ta' governanza f'pajjiżna. Illum id-deċiżjonjiet jittieħdu fil-lokalitajiet, mill-istess nies li jgħixu fl-istess lokalità mal-istess nies li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Pero biex dawn id-deċiżjonjiet ikunu deċiżjonjiet effettivi li jħossuhom in-nies, il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw l-għodda sabiex fl-inqas żmien possibbli l-ħolm tar-rappreżentanti tal-poplu jkunu jistgħu jitwettqu u b'hekk inkomplu ngħollu l-livell tal-lokalitajiet tagħna u eventwalment ta' gżiritna u ta' pajjiżna.

Il-Kunsilli Lokali jridu wkoll li jkunu xprun ta' inizjattivi ġodda fil-qasam soċjali, kulturali u ambjentali. Irridu nagħrfu s-sinjali taż-żminijiet u norjentaw il-poltika tagħna għal soċjetà aktar miftuħa, dinamika u li kull resident mingħajr distinzjoni ta' kulur, orjentazzjoni, abilità, kultura jew reliġjon iħossu komdu jagħmel parti mill-komunità li jkun jgħix fiha.

Biex naslu għal dan il-għan irridu ninvestu aktar fl-identità partikolari tagħna u dan nagħmluh billi noħolqu attivitajiet li permezz tagħhom kulħadd ikun jista' jipparteċipà Noħolqu infrastruttura li permezz tagħha nħajru aktar investiment sosstenibbli biex nagħmlu miċ-ċentru tal-lokalità tagħna mhux sempliċiment passaġġ għad-Dwejra imma wkoll opportunità ekonomika u soċjali li minnhom igawdu n-nies tal-lokal.





Kien propju għalhekk li fis-snin passati l-Kunsill Lokali, grazzi għall-investiment ta' kważi €4M ġejjin mill-Unjoni Ewropea daħal u kkonluda l-proġett ambizzjuż tar-riġenerazzjoni tar-raħal, bir-restawr tal-faċċata tal-Knsija u d-diversi biċċiet tal-arti fiha, bil-ħolqien ta' stil u tisbieħ ġdid għall-pjazza, bir-restawr u tisbieħ tal-isqaqien kollha tar-raħal u marbuta magħhom diversi attivitajiet kulturali u soċjali. Ħolma oħra kienet li nġibu l-lokalità tagħna lokalità sosstenibbli u li nrawmu fin-nies tagħna mentalità ekoloġika, grazzi għad-diversi inizjattivi ekoloġiċi li ħadna.

F'dawn il-proġetti involvejna bis-sħiħ lis-sieħba ewlenin tal-lokalità tagħna jiġifieri l-għaqdiet tal-lokalità bħalma huma l-Parroċċa, il-Club tal-football, Ta' Ċangura Folk group, tal-festa u oħrajn.

Is-saħħa u s-suċċess tal-Kunsill Lokali huwa mhux biss kemm kapaċi noħolmu u nwettqu imma wkoll kemm kapaċi naħdmu flimkien biex ma jkunx hemm sparpaljar ta' fondi u l-proġetti li nwettqu jkunu sosstenibbli.

Huwa għalhekk li issa nkomplu nħarsu 'l quddiem biex inkomplu nsawru l-futur ta' din il-komunità tagħna. Irridu li permezz tal-ħolm tagħna mhux biss tgawdi l-komunità imma wkoll li nkunu qed nikkontribwixxu għal Għawdex u pajjiż aħjar.



Noel Formosa—Sindku

# Ċentru Servizzi

L-aktar proġett li huwa bżonjuż fil-lokalità tagħna huwa l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Barra li l-Kunsill bħala amministrazzjoni għandu bżonn ta' aktar spazju, ir-raħal tagħna huwa nieqes minn bżonnijiet, bażiċi, partikolari u bżonjużi, bħalma huma latrina publika, health Centre u uffiċċju għall-pulizija li joffri sigurtà fir-raħal, anke minħabba d-Dwejra.

Il-Kunsill ilu żmien li tefà għajnejh fuq biċċa art li tifforma parti mill-premissis tal-iskola u fis-snin li għaddew wasalna wkoll mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-art u nibnu ċ-Ċentru Ċiviku fuqha. Lestejna l-pjanti kif ukoll stima tal-ispiża u bdejna l-proċess tad-devoluzzjoni tal-art pero ninsabu mwaħħlin minħabba li rridu nġibu assigurazzjoni li l-Kunsill jista' b'xi mod jidħol għal din l-ispiża. Sfortunatment minħabba li l-allokazzjoni tagħna hija waħda żgħira ħafna żgur li mhux ser naslu biex nagħmlu dan.

Il-Kunsill Lokali għalhekk qed jitlob sabiex is-Segretarjat Parlamentali jkun jista' jalloka fondi speċjali taħt xi skema jew oħra li permezz tagħha nkunu nistgħu nagħtu bidu għal dan il-proġett importanti ħafna mhux biss għal komunità tagħna imma wkoll dan il-proġett jista' jkun ta' opportunità għall-Gvern Ċentrali minn fejn ikunu jista' jofri servizzi bħalma hu tas-saħħa u oħrajn lil din ix-xaqliba ta' Għawdex.







# Drawings




**proposed** ground floor level
scale 1:100




**proposed** basement level
scale 1:100

# Spazji Miftuħa

Id-Dwejra hija sit uniku mhux biss għalina imma wkoll għall-pajjiżna. Pero bħala Kunsill inħossu n-nuqqas li ċ-ċentru tal-lokalità għandu jkun wieħed aktar ħaj u attiv biex hekk mhux biss iservi ta' passaġġ għad-Dwejra imma wkoll ikun qed jieħu l-potenzjal sħiħ.

Sabiex inkomplu nkabbru l-potenzjal ta' raħalna u jkollna lokalità li fiha l-komunità jkollha l-opportunità li tiltaqa', il-Kunsill Lokali jemmen li jrid joħloq aktar spazji miftuħa. Raħalna huwa nieqes minn dawn l-ispazji fejn lanqas jeżisti ġnien pubbliku wieħed. L-uniċi spazji miftuħa li għandna fir-raħal huma l-pjazza u l-Belvedere Colle Umberto li jkopri fih ukoll il-playing field.

Il-lokalità tagħna hija wkoll nieqsa minn siti u art pubblika. Għalhekk il-Kunsill ħaseb sabiex jara bir-reqqa l-art fil-qalba tal-raħal li tista' tiġi utilizzata għal dan l-iskop. L-għażla tagħna waqgħet fuq l-art li teżisti l-ground tal-iskola.

Dan jagħmel ħafna sens peress li jekk 'il quddiem il-Kunsill jirnexxielu jibni ċ-Ċentru Ċiviku dan iservi wkoll ta' pjazza oħra u spazju miftuħ li jagħti aċċess għal diversi servizzi oħra anċellari bħalma huma ġnien pubbliku, (għaliex ser jagħti aċċess għall-ġnien tal-iskola) playing field għat-tfal, outdoor gym, *greek theater* u post għal parkeġġ.

Għandna l-pjanti lesti kif ukoll l-istejjem kollha f'idejna u anke l-qbil mal-*Education* biex malli jkollna l-finanzi f'idejna nkunu nistgħu nibdew dan il-proġett essenzjali. Qed nistennew bil-ħerqa xi skema jew opportunità oħra li permezz tagħha nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi.







# Drawings



# Aċċessibilità

Biex inkomplu nisħqu fuq il-kunċett ekoloġiku u nkomplu norjentaw in-nies tagħna lejn komunità ekoloġika l-Kunsill Lokali fis-snin li għaddew investa bil-qawwi f'van tal-Elettriku li tintuża fost l-oħrajn mill-għaqdiet tar-raħal, kif ukoll minn anzjani li ma għandhomx minn iwassalhom l-isptar, ħarġiet eċċ. Investejna wkoll f'roti tal-eletriku għall-użu tar-residenti tagħna u anke ta' dawk li jżuruna.

Jonqos fejn irridu naslu u wara li applikajna għall-fondi taħt skema tad-Dipartiment u ġejna mogħtija l-fondi kollha issa l-Kunsill ser jagħti bidu għall-proġett interessanti ħafna u nnovattiv. Ser tinħoloq application li tkun tista' titniżżel fuq smart phones li permezz tagħha r-residenti tagħna ser ikollhom l-opportunità li jkunu qrib il-Kunsill 24 siegħa kuljum 7 ijiem fil-ġimgħa. Din l-app ser tagħti l-fakultà lir-residenti li minn fuq l-*ismart phone* tagħhom jagħmlu rapporti ta' ħsarat jew iwasslu suġġerimenti u jkunu qed jiġu aġġornati kontinwament bil-proċess tat-talba jew suġġeriment tagħhom.

Dan l-istess proġett ser jinkludi wkoll qari tas-sinjali u informazzjoni kollha tat-toroq b'sistema ta' QR code, CCTVs Cameras, stazzjon tar-roti fil-pjazza u bankini aktar aċċessibli.







# Parkeġġ

Id-domanda ta' parkeġġ fil-lokalità tagħna żdiedet fuq li żdiedet bil-konsegwenza li dan qed isir ta' detterent mhux biss għar-residenti tagħna imma wkoll meta niġu biex norganizzaw xi attività.

Il-Kunsill stħarreġ soluzzjonijiet għal din il-problema u ra kif jista' joħloq parkeġġ mingħajr ma tinħela art limitata fil-lokalità tagħna.

Fi triq San Lawrenz, eżattament fil-bidu tagħha u allura fil-bidu tar-raħal identifikajna art li tiġi taħt it-triq. Allura ħsibna li nistgħu noħolqu parkeġġ mingħajr ma nagħmlu użu mill-istess art ħlief għal strutturi żgħar li jkunu jżommu l-grid plate li biha jissaqqaf u fuqu jkun jista' jsir il-parkeġġ.

Għal dan il-proġett li huwa wieħed importanti wkoll il-Kunsill għad irid joħloq pjanti u jġib informazzjoni dwar il-vijabilità tiegħu.





# Drawings



# Identità... ambjent

Ir-rispett lejn l-ambjent naturali għandu jkun ta' prijorità. San Lawrenz huwa l-ħarries ta' wieħed mill-aktar siti ambjentali importanti ta' pajjiżna. L-inħawi tad-Dwejra huma patrimonju ta' importanza kbira mhux biss għalina imma wkoll għall-pajjiżna. Il-fatt li d-Dwejra hija meqjusa bħala kandidat għall-UNESCO World Heritage site jitfa diġà minnu nnifisu piż fuqna. Però jeħtieġ li dan l-irwol għandu jiġi rikonoxxut anke meta tiġi maħduma l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tagħna.

Aspett ieħor ambjentali li jagħti l-identità hija wkoll għal mod ta' kif isir il-bini f' San Lawrenz. Filwaqt li aħna ma aħniex kontra li fl-area tal-iżvilupp isir bini, però l-Kunsill jaħseb li l-policies li jiddeterminaw kif isir il-bini għandhom jirrispettaw it-topografija kif ukoll l-identità partikolari tal-lokalità tagħna. Mhux li ma jsirx bini (fiz-zona tal-iżvillupp) imma kif isir. Huwa ngust ma lokalitajiet bħalma huma tagħna li jiġu dettati fuqhom policies li ma jirrispettaw xejn l-identità tal-arkitettura.







# Identità... rispett

Il-Kunsill tagħna huwa konxju mill-fatt li l-popolazzjoni tiegħu llum hija waħda multi etnika li tiġbor fiha diversi nies ġejjin minn kulturi differenti. Barra minn hekk aħna konxji mill-fatt li diversi djar b'karattru llum qed jinkrew lil turisti u viżitaturi li jagħżlu lil San Lawrenz għall-vaganza tagħhom.

Ħafna drabi dan isir ukoll b'dettriment għar-residenti tal-lokalità kemm fl-aspett ta' ndafa u anke fl-aspett ta' kwiet li jikkaraterrizza l-lokalità tagħna.

Għal dan il-għan il-Kunsill Lokali ppropona bye-law (appendiċi 1) li qed tiġi nserita f'dan id-dossier sabiex b'xi mod ikun jista' jikkontrolla dawn in-nuqqasijiet. Għadna qed nistennew il-pass li jmiss minn naħħa tad-Dipartiment biex din il-bye-law tkun tista' tiġi implimentata.

Aħna konxji li din it-tip ta' bye-law tista' b'xi mod li sservi ta' għajnuna anke għall-bqija tal-Kunsilli kemm f' Malta kif ukoll f' Għawdex, peress li huma diversi l-lokalitajiet li għandhom b'xi mod l-istess problema.







# Appendiċi 1

ByeLaw

**LOCAL COUNCILS ACT**

**(CAP. 363)**

**NUISANCE ABATEMENT (SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL) BYE-LAWS**

IN exercise of the powers conferred by articles 34, 35(8) and 60 of the Local Councils Act, the San Lawrenz Local Council has made the following Bye-Laws:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | The title of these Bye-Laws is the Nuisance Abatement (San Lawrenz Local Council) Bye-Laws. | Citation |
| 2. | In these Bye-Laws unless the context otherwise requires:<br><br>"CE marking" means the CE conformity marking consisting of the symbol "CE" as illustrated in Council Directive 93/68/EEC;<br><br>"commercial and/or industrial waste or refuse" means any waste, originating from any shops, restaurants, bars, factories, enterprises, companies, holiday premises and other establishments operating in commerce and industry and includes all bulky refuse in general, but does not include domestic waste or refuse;<br><br>"Council" means the San Lawrenz Local Council;<br><br>"domestic refuse" means household waste originating from private dwellings including flats or residential homes but does not include commercial and/or industrial waste;<br><br>"holiday premises" has the same meaning as assigned to it in Chapter 409 of the Laws of Malta and shall include apartments , studios, villas, maisonettes, townhouses, farmhouses and terraced houses and other accommodation as the Authority established under that Chapter may approve to fall within the said category. | Interpretation |
| 3. | Any person who, wholly or partially, engages in or operates a commercial and/or industrial activity within | Registration of private |

| | | |
|---|---|---|
| | the San Lawrenz locality boundary shall each year during the month of January register with the Council the name of the contractor engaged by such person to collect waste generated by the said commercial and/or industrial activities. | waste collector |
| 3.1 | On registration the Council shall provide a certificate of compliance to the registrant, which certificate must be attached in a visible manner to the facade of the premises. | Certificate of Compliance |
| 3.2 | The Council shall keep a register containing the persons registered under Bye-Law 3 which register shall be accessible to the general public. | Register accessible to the public |
| 4. | No person mentioned in Bye-Law 3.1 shall deposit for collection commercial and/or industrial waste unless so authorised in writing by the Council. | Prohibition of commercial and industrial waste deposit |
| 4.1 | No person residing at or making use of a holiday premises shall deposit for collection any waste generated at the premises unless so authorised in writing by the Council. | |
| 5. | Any person who is in the possession of an immovable property where a development is going to take place and such development is going to generate waste has the duty to register, not later than one week before the development commences, the name of the person or company engaged by him to collect the waste generated by such development. | Registration of private waste collector for collection of development waste |
| 6. | No person shall cause or allow noise to be generated in excess of the levels laid down under Schedule 1. | Prohibition of excessive noise levels |
| 7. | Noise level readings must be taken by devices bearing CE markings. | Request for exemption |
| 8. | The Council may on a request in writing to be submitted at least five days before an activity in the course of which the noise exceeds the levels laid down under Schedule 1 is to take place, exempt such activity from meeting the | Noise measuring devices |

| | | |
|---|---|---|
| | levels found under Schedule 1. | |
| 9. | Any person who contravenes or fails to comply with any of the provisions of these Bye-Laws shall be deemed to have committed a contravention and shall, on conviction, be liable, unless a higher penalty is applicable under any other law – | Penalties |
| 9.1 | For a first contravention to a fine (ammenda) of forty six euro and fifty-nine cents (€46.59), and | |
| 9.2 | For a second or subsequent contravention to a fine (ammenda) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88). | |
| 9.3 | In the case of a continuing offence, to a further fine (ammenda) of eleven euro and sixty-five cents (€11.65) for each day during which the offence continues. | |
| 9.4 | The imposition of a penalty under this bye-law shall be without prejudice to the right of the Council to recover any civil damages caused by the commission of any contravention under these Bye-Laws including the recovery of expenses in relation to the gathering of evidence. | Right of Council to recover damages |
| 9.5 | The owner or operator of a holiday premises shall in all cases be also responsible for the compliance, either personally or through the occupier of the premises, of these Bye-Laws. | Vicarious and Strict Liability |
| 9.6 | In any proceedings under this Bye-Laws it is presumed that the waste deposited in front or on the premises belongs to the owner of that premises, the onus of proving the contrary shall lie on the defendant. | Onus of proof |

FIRST SCHEDULE

(Bye-Law 6)

NOISE LEVELS

1. Noise levels generated from any premises in the locality - 50 decibels during daytime
2. Noise levels generated from any premises in the locality - 35 decibels during nighttime
3. The noise levels indicated and provided for in Subsidiary Legislation 427.19 for Noise Emission in the environment by equipment for use outdoors shall apply.